MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2008

Numru. 11/2006

Il-Qorti

Tat l-imputazzjonijiet kontra Grazio Camilleri ta’ 43 sena, iben Coronato u Pawla nee Zerafa imwieled Zabbar fil-21 ta’ Jannar 1962 u residenti 48 Triq ir-Redentur Żabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 90462 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejejr fis-16 ta’ Jannar 2006 u fix-xhur ta’ qabel

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern

skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;
(c) kellu fil-pussess tiegħu strument bil-ponta u li jaqta' mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-Kumissarju tal-Pulizija;
(d) fil-ħin li kien arrestat għal xi delitt kellu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari ai termini ta' l-artikolu 26(b) tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż r-risposta ta' l-imputat li ma kienx ħati; ir-risposta tiegħu li ma kellux oġġezzjoni li l-proċeduri jkunu sommarji (fol 3); il-fedina penali ta' l-imputat (fol 6 et); iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 904 tas-sena 1962; l-Ordni ta' l-Avukat

Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2006; ir-relazzjoni ta’ PC 453 Brian Cassar u PC 94 Jack Farrugia a fol 44 et; il-proces verbal redatt mill-Maġistrat Dr. Antonio Mizzi bit-titolu ‘Sejba ta’ sustanza allegatament droga fuq il-persuna ta’ Grazio Camilleri fl-inħawi tax-Xgħajra Żabbar fis-16 ta’ Jannar 2006’; il-proċess fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Fredrick Zerafa’ a fol 76 et; ir-relazzjoni ta’ l-ispiżjar Mario Mifsud a fol 96 et.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni ta’ l-abbli prosekutur u ta’ l-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

<u>Il-fatti fil-qosor kienu dawn</u>

Fis-16 ta’ Jannar 2006 l-iskwadra ta’ kontra l-vizzju tad-drogi kienu nnutaw li fi Triq ix-Xatt Xgħajra kien hemm vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FAJ 403 mudell Maruti 800. Din kienet qed tinstaq minn Fredrick Zerafa u ħdejn l-istess Fredrick Zerafa fis-seat tal-passiġġier kien hemm l-imputat.

Il-pulizija marru fuq iż-żewġ persuni u saret tfittxija. Fuq il-persuna ta’ Zerafa instabet lighter u biċċa foil. Minn barra l-vettura taħt it-tieqa ta’ l-istess Zerafa inġabret ukoll biċċa karta żgħira, possibilment qartas użat li kien fih traċċi kannella allegatament sustanza eroina.

Fuq il-persuna ta’ l-imputat instabu 9 qratas tal-karti li kien fihom trab kannella. Il-qratas kienu imqassma fi gruppi ta’ tlieta, tlieta u żewġ qratas rispettivament u kienu imġeżwra ġo biċċiet tal-foil.

Fuq il-persuna ta’ Grazio Camilleri instab ukoll mus li ġie elevat mill-pulizija (fol 19).

Meta l-imputat għamel l-istqarrija tiegħu fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija fis-17 ta’ Jannar 2006 huwa ma

wieġeb ebda domanda ħlief illi hu ma kienx jaħdem u x'kien il-laqam tiegħu.

Xehdet WPC 15 Caroline Gatt illi qalet illi mir-riċerka li għamlet fuq il-computer ma nstabx illi l-imputat kellu xi liċenzji għall-armi jew xi strumenti bil-ponta (fol 23).

Xehed PC 579 Antoine Micallef illi qal li fis-16 ta' Jannar 2006 fis-2.30pm kienu waqqfu lill-imputat li kien passiġġier f'karozza misjuqa minn Fredrick Zerafa. Fin-naħa tal-passiġġier fl-art kien hemm foil forma ta' sigarett u foil mgħaffeġ. F'id Fredrick Zerafa kien hemm biċċa foil mgħaffġa. Minn fuq il-persuna ta' l-imputat PC 733 eleva borża li kien fiha xi qratas suspettati bl-eroina. Ix-xhud għaraf il-foil li kellu f'idu Fredrick Zerafa kif wkoll il-qartas li kienu ġabru minn taħt il-bieba ta' Fredrick Zerafa.

Xehed Fredrick Zerafa illi qal li kienu fil-karozza u kellhom pakkett u bdew jaħarquh. Dan kien jiswa Lm5 u kien smack. Huwa qal li l-pakkett kienu xtrawh flimkien u imbgħad qasmuh fil-karozza. Hawn hekk il-prosekuzzjoni fakkret lil dan ix-xhud illi kien bil-ġurament. Għall-mistoqsija mill-Qorti dwar min kien ġab il-pakkett, huwa qal li hu, jiġifieri x-xhud kien wassal lill-imputat u kien mar iġib id-droga l-imputat. Għall-mistoqsija mill-Qorti jekk kienx qatt mar għand din il-persuna l-oħra taha l-flus u din tagħtu pakkett ir-risposta kienet le (fol 32). Il-Qorti għamlet mistoqsija oħra u x-xhud qal illi kien l-imputat li mar jixtri d-droga (fol 32).

Mistoqsi jekk kienx hemm drabi oħra illi kien ħa d-droga jew qasam id-droga ma l-imputat, ix-xhud qal li meta kien għamel l-istatement lill-pulizija huwa kien għaġġel naqra għax kien ma jiflahx u ċertu kliem kien ħawwdu (fol 32). Għall-mistoqsija mill-Qorti, huwa qal li ġieli kien ha d-droga imma ma ħaddiehor. Huwa baqa' jgħid illi kien ħa dak inhar biss ma l-imputat. Huwa kompla jgħid illi meta ħa drabi ohra, l-imputat ma kienx miegħu. Huwa nnega li qatt kien xtara d-droga mingħand l-imputat.

Il-Qorti staqsiet lil dan ix-xhud jekk l-imputat kienx tah biss id-droga dak inhar u x-xhud wiegeb illi kien tahielu meta

ltaqgħu fit-triq. Dwar il-foil qal li kienet tiegħu u a fol 36 qal li kien xtraha hu u l-imputat.

Xehdu PC 94 Jack Farrugia u PC 453 Brian Cassar u ppreżentaw ir-ritratti li kienu ħadu.

Xehed PS 1086 Johann Micallef li wkoll kien preżenti meta saret it-tfittxija fuq l-imputat fis-16 ta’ Jannar 2006. Kien PC 733 illi kien eleva borża bil-qratas minn fuq Grazio Camilleri (fol 49). Huwa għaraf l-affarijiet li kienu jidhru fir-ritratti li ġew ppreżentati qabel.

Xehed ukoll PC 733 Joseph Galea illi qal li waqqaf lill-imputat u imbgħad hu kien għamel tfittxija fuqu. F’wieħed mill-bwiet li kellu fil-qalziet, kien hemm borża tal-plastic li kien fiha 4 pakketti imgeżwrin qishom fil-foil illi meta fetħuhom ġo wieħed mill-pakkett kien hemm tliet pakketti zgħar oħra, ġo oħra kien hemm tlieta oħra, ġo oħra kien hemm tnejn u ġo ieħor kien hemm wieħed li jiġu 9 pakketti b’kollox. Saret ukoll tfittxija fid-dar ta’ l-imputat li kienet fin-negattiv. Kien wkoll intwera xi ritratti u għaraf il-borża li kien tella’ minn ġol-but bl-4 pakketti tal-foil (fol 51). Huwa qal li dak kien wieħed mill-pakketti fil-foil u dawn kif kienu imqassmin. Kien hemm pakkett f’pakkett wieħed u żewġ pakketti skond kif kien għadu kif xehed li kien pakkett li kien hemm dawn iż-żewġ pakketti. Kien hemm pakkett ieħor bi tlieta. Huwa ma kienx eleva iż-żewg roaches hu (fol 52).

Mill-proces ‘Il-Pulizija vs Fredrick Zerafa’, jirriżulta li Fredrick Zerafa kienu ttieħdu xi proċeduri kontrieh u kien tpoġġa taħt probation. Hemm l-istqarrija tiegħu a fol 79 u 80 pero din l-istqarrija mhix waħda ġuramentata. Hija stqarrija fil-proċess u ma jidhirx illi waqt il-proċess Zerafa kien kkonfermaha bil-ġurament. Lanqas ma jidher li kien kkonfermaha quddiem Maġistrat biex dak li ingad fl-istqarrija kontra ħaddieħor ai fini tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, din trid tkun waħda ġuramentata sew fil-proċeduri jew inkella quddiem il-Maġistrat Inkwerenti. F’dan il-każ din la kienet ġuramentata quddiem Maġistrat Inkwerenti u lanqas waqt xi proċess li kien qed isir fil-Qorti. L-istqarrija għandha biss valur ta’ dak li kien xehed Zerafa.

Xehed ukoll l-ispizjar Mifsud li kien maħtur mill-Magistrat Antonio Mizzi waqt l-inkjesta. Huwa qal li nstabu 9 qratas. Dawn kienu bejn wieħed u iehor 38 x 38 u jitilgħu sa 48 x 49 u l-piz li kien hemm kien 0.062g u jibqa' tiela' sa massimu 0.074g. It-total ta' eroina misjuba kien ta' 0.606g. In-numru ta' qratas huma 9 u l-purita' kienet ta' 31.3%.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel Imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni qed tibbaża l-ewwel imputazzjoni dwar il-fornitura tad-droga eroina fuq ix-xhieda mogħtija minn Frederick Zerafa. Dan ix-xhud kien diġa' pproċessat dwar fatti li kellhom x'jaqsmu ma' l-istess inċident u kien gawda mill-artikolu 29.

Fuq il-pedana tax-xhieda, dan qal li kien xtraw il-pakkett samck flimkien – jiġifieri hu u l-imputat (ara fol.30). Fl-istess fol l-ewwel jgħid li xtraw il-pakkett flimkien u imbagħgad jgħid li kien wassal lill-imputat u l-imputat mar iġib il-pakkett. A fol.36 jerġa' jgħid li 'Xtraw hu u l-imputat.'

Meta nġibdet l-attenzjoni ta' dan l-imputat mill-Qorti stess dwar dak li kien qed jixhed huwa qal:

"Meta għamilt l-istatement jiena għaġġilt naqra għax kont naqra ma niflaħx u ċertu kliem ħawwadt.' (fol.33).

Il-Qorti bl-ebda mod ma qed tistrieħ fuq l-istqarrija li dehret fil-proċess fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Frederick Zerafa' għaliex din l-istqarrija la kienet ġuramentata quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u lanqas ma kienet kkonfermata bil-ġurament matul il-proċedrui kontra Frederick Zerafa. Dak li jgħid wieħed kontra ħadd ieħor fi stqarrija li mhix ġuramentata ai termini tal-Kap 101 ma jgħoddx bħala prova. **Tali stqarrrija għandha forza biss biex tikkontrolla l-veraċita' o meno ta' xhud.**

F’dan il-każ il-Qorti qed tistrieħ fuq ix-xhieda ta’ Frederick Zerafa.

(i) L-ewwelnett il-Qorti ma temminx lil dan Frederick Zerafa li hu kien ħawwad fl-istqarrija għax, kif qal hu, kien ma jiflaħx. Fl-istqarrija ma jidhru fiha ebda sinjali ta’ konfondiment iżda hija waħda pjuttost relassata.

(ii) Mill-imġiba tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda l-Qorti nnotat li dan ix-xhud kien qed jagħmel minn kollox biex ma toħroġx il-verita’ eżatta dwar x’seħħ tassew fis-16 ta’ Jannar 2006.

**(iii) Dan ix-xhud ammetta li kien wassal lill-imputat u li kien l-imputat li mar jixtri d-droga kif jidher ċar a fol.31.**

(iv) Ix-xhud baqa’ jinsisti li l-imputat kien tah id-droga dak in-nhar biss.

**Minn din ix-xhieda, lill-Qorti jirriżultalha ċar li fil-jum imsemmi l-imputat mar xtara d-droga u ta minnha lix-xhud.**

Ukoll jekk bla flus, ukoll jekk ix-xhud ħareġ sehmu u tah lill-imputat, xorta seħħ it-traffikar ai termini tad-definizzjoni ta’ ‘traffikar’ mogħtija mil-Liġi fl-artikolu 22(1B).

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta’ l-ewwel imputazzjoni

**It-Tieni Imputazzjoni**

**Pussess aggravat tad-droga eroina.**

Il-Qorti tirreferi:

(i) għax-xhieda ta’ PC 733 Joseph Galea fost l-oħrajn. Dan ix-xhud għamel it-tfittxija fuq l-imputat u tella’ erba’ pakketti imgezwrin qishom fil-foil li meta fetaħhom ġo wieħed mill-pakketti kein hemm tliet pakketti żgħar oħra u ġo oħra kein hemm tlei oħra u ġo oħra kien hemm tnejn u

ġo iħeor kien hemm wieħed li jiġu disa' pakketti b'kollox. (fol.51).

(ii) għax-xhieda u relazzjoni ta' l-Ispiżjar Mario Mifsud li stabilixxa li dak li eleva PC 733 Joseph Galea kienu disa' pakketti bi prattikament l-istess piż li kienu jiżnu flimkien 0.606 gtammi eroina u l-purita' kienet 31.3%.

(iii) għall-fatt li din id-droga **kif imqassma** nstabet meta l-imputat kien barra d-dar f'karozza. Id-difiża argumentat li l-ammont kien ta' 0.606 grammi. Bir-rispett kollu, sabiex l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tissusisti, m'hemxm bżonn ta' kwantita' enormi. Il-kwantita' tista' tkun raġuni valida biżżejjed iżda pussess ta' ammonti ridotti ta' kull kwalita' ta' droga xorta jistgħu jammontaw għal ċirkostanza li l-biha l-Qorti tkun moralment konvinta li l-pussess ma kienx għall-użu esklussiv ta' l-imputat. U dan hu li ġara f'dan il-każ.

B'din l-evidenza, **flimkien** mal-fatt li jirriżulta li l-imputat ta d-droga lix-xhud Frederick Zerafa hija biżżejjed biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputat kellu l-pussess ta' l-eroina li ma kenitx intiża għall-użu tiegħu biss.

Għalhekk il-Qorti qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni b'dan pero' li din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ai termini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap 9.

## It-Tielet Imputazzjoni

Mix-xhieda ta' PCC 733 Joseph Galea jirriżulta li l-imputat kellu mus fuqu u li għal dan ma kellux liċenzja. (Ara xhieda ta' WPC Caroline Galea a fol.23). Lanqas ma jidher li kien hemm xi tentattiv ta' xi ġustifikazzjoni li hija possibbli kemm taħt l-artikolu 15(a) u 15(b) tal-Kap l-antik jew taħt l-artikolu 7 tal-Kap il-ġdid 480. Il-piena fl-ammont tal-multa ma nbidlitx għalkemm l-alternattiva ta' tliet xhur priġunerija jidher li tneħħiet.

## Ir-Raba' Imputazzjoni

Ma jirriżultax l-imputat kellu xi arma tan-nar, imitazzjoni ta' arma tan-nar, jew imitazzjoni ta' arma tan-nar regolari kif hemm fl-imputazzjoni.

Huwa nstab fil-pussess ta' 'mus' biss.

Il-Qorti rat id-definizzjoni ta' 'arms proper' fl-artikolu 64(1) tal-Kap 9 li tgħid hekk:

**'64. (1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi,**
**strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop**
**prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.**

**(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala**
**armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.'**

Ikkunsidrat iċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod speċjali ix-xhieda ta' PCC 733 Joseph Galea.

Ma jirriżultax mill-atti xi prova ċara li l-mus esebit kien xi arma regolari. Il-mus ma jistax jingħad li l-għan ewlieni tiegħu huwa d-difiża u/jew l-offiża ta' persuna. Effettivament fl-ebda ħin ma ntuża mill-imputat biex jagħmel xi offiża jew xi difiża. Għal din ir-raġuni l-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, l-artikolu 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1B) tal-Kap 101, l-artikoli 13(1) u 26(b) tal-Kap 66 li kien in vigore fis-16 ta' Jannar 2006, l-artikoli 6, 7(a) u 51(7) u 55(b) tal-Kap 480 u l-artikoli 17(b)(f)(h) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, tat-tieni, u tat-tielet imputazzjoni dedotti kontrih b'dan pero' li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mir-raba' imputazzjoni.

Dwar il-piena, jidher li l-imputat m'għandux fedina penali nadifa u għalhekk il-Qorti qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' disa' (9) xhur li minnhom għandu jitnaqqas kull żmien li għadda taħt arrest preventiv kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' sitt mitt Ewro (€600) liema multa tista' tiħallas b'rata ta' mitt Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

Il-Qorti qed tapplika wkoll l-artikolu 533 tal-Kap 9 u għalhekk qed tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' l-esperti kollha li nħatru matul l-injesta u dan għaliex il-Liġi daħlet fis-seħħ propju fil-jum in kwistjoni. Dawn jammontaw għal €422.429 Ewro (Lm22.00 (ritratti) u Lm159.30 (analiżi) għal total ta' (Lm181.30) fi żmien xahar mil-lum u fin-nuqqas ta' ħlas dawn jinbidlu f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewro mhux imħallsin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------